**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Carmel Salerno**

**Kumpilazzjoni Numru: 29/2015**

**Illum, 6 ta' Lulju 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Salerno, iben Carmelo Salerno u Elvira nee' Grech imwieled gewwa Pieta' nhar l-10 ta' Frar 1966 u residenti gewwa 157, Triq id-Duluri, Pieta', Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' 81566M talli nhar it-13 ta' Ottubru 2014 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta'qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Raymond Chetcuri persuna inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kienu qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artiklu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll talli ghamel uzu mhux xieraq ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika u dan bi ksur tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Raymond Chetcuri bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali ta' l-imputat. Min-naha l-ohra l-imputat gharaf li kkommetta zball u skuza ruhu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800). L-imputat qieghed jinghata zmien sena biex ihallas il-multa. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' l-ammont jew bilanc minnu dan ikun konvertibbli fi prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali billi m'hemmx aktar htiega taghha.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat